# QORTI TA'L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**ONOR.IMHALLEF**

**EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell numru: 492/2010**

**MARIE LOUISE BAJADA (ID495370M)**

**vs**

**THERESE XUEREB (ID849648M) u**

**b'digriet tat-8 ta' Mejju 2012 gie ismejjah**

**fil-kawza Silvio Brincat**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fid-09 ta' Mejju, 2013 moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Żgħar li ippronunzja s-segwenti decizjoni:

***It-Tribunal,***

*Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' April, 2010 fejn l-attrici allegat illi sofriet hsarat fuq il-proprjeta taghha, senjatament izda mhux esklussivament fuq it-tank ta' l-ilma li jforni l-provista tal-ilma ghal konsum fl-*

*appartament taghha numru 2, Muscat Flat 10 Triq il-Fieres, Sliema u dana b'konsegwenza tal-opra tal-konvenuta jew, xort'ohra, ta' terzi mqabbdin minnha sabiex jaghmlu xogholijiet ghal beneficcju taghha fuq il-bejt tal-fond taghha. Hija talbet l-ammont ta' mija u hamsin ewro (€150).*

*Il-konvenuta Therese Xuereb pprezentat ir-risposta taghha fit-3 ta' Mejju, 2010 u eccepiet illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponenti ma ghamlet xejn minn dak allegat mill-attrici u lanqas ma qabbdet lil terzi biex jaghmlu hsara fil-proprjeta tal-attrici.*

*F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghal premess u in linea sussidjarja, l-ammont dovut huwa esagerat.*

*It-Tribunal ra l-affidavit tal-Inginier Josef Vassallo fejn huwa spjega li tank tal-ilma ghandu bzonn bazi catta u soda sabiex it-toqol tal-ilma jkun imferrex b'mod ugwali. Kura specjali ghandha titiehed sabiex jigi mcaqlaq tank li jithalla mimli bl-ilma peress illi iktar hemm cans li ssirlu hsara. Il-mod ta' kif kien imqieghed t-tank jidher illi kien wiehed adegwat peress illi serva ghal zmien twil sakemm gie mcaqlaq. Meta gie spezzjonat it-tank minhabba 'leakage' deher illi kien hemm ghafsa kompatibbli mal-'leakage'. Din l-ghafsa kienet kompattibli ma forza applikata esternament u mhux minhabba l-ilma ta' gewwa t-tank. Skond l-inginier din il-hsara setghet grat b'zewg ragunijiet jew it-tank intuza bhala platform biex telghu fuqu u kahlu l-hajt jew inkella t-tank tmejjel jew iccaqlaq biex gie mkahhal il-hajt ta' warajh.*

*L-inginier xehed ukoll minbarra li ghamel l-affidavit u spjega illi l-ispiza sabiex jerga jitqieghed tank iehor hija madwar hamsin ewro.*

*Xehed ukoll Jesmond Azzopardi li kkonferma r-ricevuta tal-ammont ta' tnejn u sebghin ewo (€72) li kienu tax-xiri tat-tank tal-ilma u tal-'ball valve'.*

*Xehed ukoll il-Maggur 1102 Robert Everest li kiteb ir-rapport tal-pulizija li marret tirraporta l-attrici. Dan ix-xhud qal illi meta mar fuq il-post staqsa l-persuna li kienet qed tahdem hemm u gie infurmat illi kien certu Silvio Brincat. Lil dan Silvo Brincat il-Maggur 1102 jghid illi kellmu permezz tat-telefon.*

*L-attrici pprezentat affidavit fejn spjegat illi l-bejt tal-konvenuta jinsab biswit il-bejt taghha. L-konvenuta qabdet xi nies jahdmulha fuq il-bejt taghha stess. Gara pero illi fit-30 ta' Ottubru, 2009 l-attrici indunat illi kienu ghamlulha l-hsara fit-tank tal-ilma. Dan gara peress illi l-haddiema sabu diffikulta jkahhlu u jbajdu wara t-tank tal-ilma bil-konsegwenza li caqilquh u ghamlulu l-hsara. L-attrici tghid illi hija marret taghmel rapport.*

*Il-konvenuta pprezentat affidavit fejn qalet illi hija kienet qabdet lil certu Silvio Brincat sabiex jiffinixja tlett appartamenti li jinsabu fil-blokk. Hija qalet illi lil Silvio ma ndahlitlux kif ser jahdem u kien hu li organizza.*

*Meta kienet kellmitha l-attrici u talbitha mija u hamsin ewro (€150) tat-tank hija kienet irrifjutat u qaltilha li Silvio Brincat kien qed jiehu hsieb. Silvio Brincat kien cahad kollox mal-konvenuta u qalilha li t-tank tal-attrici ma kienx qieghed sew b'hekk infaqa.*

*Silvio Brincat ipprezenta affidavit fejn qal illi la hu u lanqas il-haddiema tieghu ma ghamlu hsara u li l-ilma kienu nnutawh anki meta kienu qed jahdmu. Hu qal li t-tank ma messewhx.*

*Fit-8 ta'Mejju, 2012 l-attrici ghamlet it-talba sabiex jigi kjamat in kawza Silvio Brincat u t-Tribunal laqa' din it-talba u ordna n-notifika tieghu. Filfatt huwa pprezenta r-risposta tieghu fis-6 ta' Gunju, 2012 fejn eccepixxa li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artiklu 2153 tal-Kap 12. Illi t-talba tal-attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u l-esponenti ma kkawza ebda dannu. Illi ghalhekk l-azzjoni ghandha tigi respinta bl-ispejjez.*

*Wara li t-Trinunal sema x-xhieda tal-partijiet u ra d-dokumenti kollha pprezentati, ihoss illi l-eccezzjonijet tal-konvenuta ma jaqblu xejn ma dak li xehdet kemm hi kif ukoll ix-xhieda l-ohra. Kienet iktar veritiera l-verzjoni tal-attrici dwar il-fatti kif graw. Fir-rigward tal-konvenuta jista jkun li tort hija stess ma kellhiex peress illi ma kinitx hi personalment li ghamlet il-hsara pero kienet persuna inkarigata minnha u ghalhekk ir-responsabbilta tal-konvenuta tibqa. Filwaqt illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-kjamat in kawza Silvio Brincat ma tregix peress illi l-preskrizzjoni ma setghetx tibda tiddekorri minhabba l-fatt illi l-attrici ma kellhiex indirizz fuq hiex timxi sabiex tressaq lil dan Silvio Brincat.*

*Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenuta u l-kjamat in kawza jhallsu lil attrici l-ammont ta' mija u hamsin ewro (€150) in kwantu ghandhom jithallasu mitt ewro mill-kjamat in kawza Silvio Brincat u hamsin ewro mill-konvenuta Therese Xuereb bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez ghandhom ikunu akarigu tal-konvenuta Therese Xuereb.'*

Illi minn din is-sentenza ġie interpost dan l-appell mill-konvenuta u il-kjamat fil-kawza bis-segwenti ħames aggravji:

1. Illi s-sentenza hija kontradittorja u nieqsa mill-ekwità.
2. Illi it-Tribunal erronjament cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-kjamat fil-kawża Brincat.
3. Illi kien hemm diversi persuni li kellhom aċċess għall-bejt mertu tal-kaz u kwindi l-ħsara setgħet ġiet ikkaġunata minn xi terzi u mhux mill-appellanti.

4. Illi t-Tribunal injora ghal kollox l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta appellanti in konnessjoni mal-quantum tad-danni. Illi l-ammont ta' danni likwidati mit-Tribunal fil-fatt ma huwiex ismejjes fuq il-provi misjuba fl-atti.
5. Illi l-appellanti iressqu aggravvju ukoll in konnessjoni mal-kap tal-ispejjeż tal-kawża, kif deciz fis-sentenza impunjata u dan ghaliex ghalkemm l-appellanti Xuereb giet ikkundannata thallas biss terz mill-ammont tad-danni likwidati, hija imbaghad giet ikkundannata thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

Illi mill-atti processwali jirriżulta illi l-konvenuta appellanti Xuereb inkarigat lil Silvio Brincat biex jagħmel xogħolijiet ta' manutenzjoni u tibjid fil-proprjetà tagħha. Fost ix-xogħolijiet kien hemm it-tibjid ta' ħajt fuq il-bejt. L-attriċi allegat illi waqt li kienu qed isiru x-xogħolijiet saret ħsara fit-tank tal-ilma tagħha li kien jinsab fuq il-bejt.

Il-Pulizija avviċinaw kemm lil Therese Xuereb kif ukoll lil Silvio Brincat dwar dan, u t-tnejn li huma ċaħdu r-responsabbilita. Wara dan l-attriċi biddlet it-tank tal-ilma u ppreżentat irċevuta ta' €72, izda tallbet total ta' €150, li kien jinkludi €50 *labour costs*.

Illi t-Tribunal laqa' t-talbiet attriċi u ikkundanna lill-konvenuta u l-kjamata in kawża iħallsu lill-attriċi is-somma ta' €150 in kwantu għandhom jitħallsu €100 mill-kjamat in kawża Silvio Brincat u €50 mill-konvenuta Therese Xuereb bl-imgħax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Illi preliminarjament l-appellanti jilmentaw illi s-sentenza hija kontradittorja u nieqsa mill-ekwità. Dan ghaliex l-appellanti Xuereb tilmenta illi hija ma għamlitx il-ħsara direttament u ma kellhiex tinżamm responsabbli għall-ħsara

ikkaġunata minn persuni inkarigati minnha biex jagħmlu x-xogħolijiet, ġjaladarba hija inkarigat nies illi huma professjonali.

Illi l-Artikolu 7(1) tal-Kap 380 jaghti s-setgha lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar li *"jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu prinċipalment skont l-ekwità."*

Dwar il-kunċett ta' ekwita, ġie ritenut dan li ġej mill-Qrati tagħna"

*"Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet hu l-kompitu ta' din il-Qorti li tezamina jekk fil-kaz in ispecje t-Tribunal iddeterminax il-kontroversja "principalment skond l-ekwita`" (Art 7 (1) tal-Kap. 380). Fuq kollox, jekk l-apprezzament tieghu mil-lat ta' ekwita` giex sewwa mizurat u ibbazat ukoll fuq konsiderazzjonijiet ta' dritt. Dan qed jigi sottolinejat in kwantu, kif drabi ohra rilevat, "it-Tribunal ma kellu l-ebda dritt, anke jekk abbazi ta' l-ekwita`, li jissorvola kompletament l-applikazzjoni tal-ligi ghall-mertu." ("***Blye Engineering Company Limited – vs- Vincent Caruana***", Appell, 27 ta' Ottubru 2000). Jekk jirrizultalha li hekk sar anke f'dan il-kaz allura l-apprezzament tat-Tribunal ma jistax jissotraji ruhu ghall-kontroll ta' din il-Qorti u tas-sindikar minnha tal-gudizzju. M'ghandux ikun dubitat jew kontrovers illi biex il-valutazzjoni ekwitattiva tigi sew applikata jokkorri li wiehed jadotta l-mudell konswet tal-missier tajjeb tal-familja fil-konsiderazzjoni tac-cirkostanzi u tal-fatti maghrufa, pervenuti fil-process, u janalizzahom skond il-kriterji tad-diligenza komuni. Dan necessarjament ifisser gudizzju li jaghti debita konsiderazzjoni lil kwadru shih tal-vertenza.*[1] *"*

Jiġi osservat illi t-Tribunal irritjena hekk fil-konsiderazzjonijiet maghmula fid-decizjoni impunjata:

---

[1] Vella Edwin Vs Briffa Joanna AI 07/05/2004.

*"Fir-rigward tal-konvenuta jista' jkun li tort hija stess ma kellhiex peress illi ma kenitx hi personalment li għamlet il-ħsara pero kienet persuna inkarigata minnha u għalhekk ir-responsabbilita tal-konvenuta tibqa'."*

Premess dak li wassal ghad-decizjoni tat-Tribunal, din il-Qorti trid allura tara jekk l-apprezzament tat-Tribunal mil-lat ta' ekwita` giex sewwa mizurat u ibbazat ukoll fuq konsiderazzjonijiet ta' dritt.

Illi jinsab affermat kemm mid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza illi:

**"Is-sid ta' fond ma jistax jehles mill-obbligu li jirrimedja ghal hsara kagunata f'fond adjacenti kemm-il darba ghal tali hsara kien jirrispondi wkoll terz; kontra tali terz tali sid ikollu l-aktar, l-aktar dritt ta' rivalsa.[2]"**

Dan ghaliex:

**"non puo` un vicino esimersi dallo obbligo di rimuovere la causa dei danni che soffrisse l'altro vicino nel proprio fondo quantunque in tale causa concorresse il fatto di altri" ("Borg –vs- Falzon" riportata a Vol III pagna 16)**

Illi allura l-persuna li tinkariga persuna ohra li taghmel xi xoghol, tibqa' hija responsabbli wkoll jekk dik il-persuna li effettivament hadmet taht inkarigu taghha tkun ghamlet ix-xoghol b'negligenza u nuqqas ta' hila skont l-artikolu 1037 tal-Kapitolu 16. Illi fi kliem iehor japplika dak li gie ritenut fis-sentenza "Tabib Joseph R. Grech vs Kummissarju tal-Pulizija" (A.C. (HH) l-1 ta' Marzu 1988) fejn inghad li:

**"kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila jew illi ma jkollux hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba nuqqas ta' hila taghmel dannu lill-haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz fuq imsemmi",**

---

[2] Joseph Bonnici vs John Mizzi PA 28/03/2003

Dan premess hi ghalhekk l-opinjoni ta' din il-Qorti illi f'dan il-kaz id-decizjoni tat-Tribunal ma hijiex ritwalment imfassla skond il-kriterju prefiss mil-legislatur u r-raguni tal-ligi li tiddixxiplina l-mekkanizmu li kellu jigi adoperat. Il-mekkanizmu tal-ekwita` ma kellux jiskatta f'dan il-każ. Kien jiskatta li kieku hemm responsabbilita tal-konvenuta u tal-kjamata fil-kawża imma jkun hemm nuqqas ta' prova dwar ir-responsabilita ta' kull wieħed. Allura l-ezercizzju li sar mit-Tribunal ma kienx konformi ghall-principju ta' l-ekwita` anzi kien pjuttost inikwu u zbaljat mhuax ghar-ragunijiet migjuba mill-konvenuta appellanti, izda ghaliex l-konvenuta kellha tigi misjuba responabbli ghal hsarat kollha ikkagjonati lill-attrici appellata minhabba n-negligenza tal-haddiem imqabbad minnha. Dan dejjem bi dritt ta' rivalsa kontra l-haddiem minn naha tal-konventa appellanti. Ciononostante ma jidhirx illi l-appellata ressqet xi ilment fil-konfront tad-decizjoni impunjata u kwindi dina l-Qorti hija issa prekluza milli tghaddi ghal kundanna fil-konfront tal-konvenuta ghall-ammont intier mitlub. Maghdud dan ghalhekk l-aggravvju tal-appellanti ma jisthoqqlux akkoljiment.

Fit-**tieni** aggravju l-appellanti Silvio Brincat jilmenta illi l-preskrizzjoni eċċepita minnu kellha tintlaqa' mit-Tribunal. L-appellanti jecepixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-**Artikolu 2153** tal-Kap 16, liema artikolu jistipula hekk:

> *"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

Illi mill-affidavit tal-konvenuta Therese Xuereb (a fol 55) jirrizulta illi hija ghaddiet lill-attrici appellata Marie Louise Bajada l-isem u l-kunjom u n-numru tal-mobile ta' Silvio Brincat. Dan il-fatt jirriżulta ukoll mix-xhieda ta' Silvio Brincat stess fl-affidavit tiegħu a fol 56. Imbagħad, a fol 64 jirriżulta illi intalab

konfront bejn Marie Louise Bajada u Therese Xuereb, peress illi din tal-aħħar baqgħet isostni illi hija tat id-dettalji ta' Silvio Brincat lill-attriċi, filwaqt illi l-attriċi baqgħet isostni illi hija ma kenitx taf b'dawn id-dettalji ta' Silvio Brincat, u tgħid illi hija nsiet il-kunjom ukoll.

Jirriżulta lil din il-Qorti illi t-Tribunal aċċetta il-verżjoni tal-attriċi appellata u ċioe illi hija ma kellhiex dettalji ta' Silvio Brincat meta infetħet il-kawża, filwaqt illi skarta il-verżjoni tal-konvenuta. Dan jirriżulta kemm mill-verbal a fol 62, kif ukoll mis-sentenza appellata innifisha, fejn it-Tribunal iddeċieda hekk :-

> *"L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni imressqa mill-kjamat in kawża Silvio Brincat ma treġix peress illi l-preskrizzjoni ma setgħetx tibda tiddekorri minħabba l-fatt illi l-attriċi ma kellhiex indirizz fuq x'hiex timxi sabiex tressaq lil dan Silvio Brincat."*

Madanakollu il-Qorti tosserva illi t-Tribunal ma għamel ebda aċċenn għar-rapport tal-Inċident li sar lill-Pulizija. Dan ir-rapport, esebiet u immarkat bħala dok RE1 a fol 40, sar fit-**<u>30 ta' Ottubru 2009</u>**. Minn dan ir-rapport, lill-attriċi kellu jirriżultalha l-isem u l-kunjom ta' Silvio Brincat, in-numru tal-Karta tal-Identita tiegħu kif ukoll in-numru tal-mobile tiegħu. Dan premess, allura il-Qorti ma tistax taqbel mal-fatt illi d-dettalji ta' Silvio Brincat ma kienux aċċessibbli għall-attriċi, u għaldaqstant ma taqbilx mal-konklużjoni tat-Tribunal illi hija ma setgħetx tmexxi ġudizzjarjament kontra tiegħu. Hija faċilment setgħet tirreferi għal tali rapport tal-inċident, u anke jekk semmai ma kellhiex kopja tar-rapport, takkwista tali minghand il-Pulizija, minn fejn kien jirriżultalha id-dettalji ta' kuntatt ta' Silvio Brincat.

Silvio Brincat ġie ikkjamat fil-kawża fit-**<u>8 ta' Mejju 2012</u>** (verbal tat-Tribunal datat 8 ta' Mejju 2012 - fol 62). Jingħad illi mit-**<u>30 ta' Ottubru 2009</u>** (data ta'

meta seħħ l-inċident) sat-**<u>8 ta' Mejju 2012, </u>**kienu għaddew iktar minn sentejn stipulati fl-artikolu 2153. Issir riferenza ukoll għall-**<u>artikolu 2137</u>**:-

> *Bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*

u b'hekk l-azzjoni kienet preskritta, għaliex in vista ta' dak li ntqal aktar il fuq, l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata qabel ma iddekorra it-terminu preskrittiv speċifikat fl-artikolu 2153.

Illi fir-rigward tat-tilet u ir-raba aggravvju li jattakkaw il-mertu tal-kaz jinghad illi din il-qorti ta' revizjoni qajla tiddisturba l-apprezzament maghmul minn qorti ta'l-ewwel grad jew tribunal sakemm tali apprezzament ma ikunx wiehed manifestament ingust. Illi minn ezami ta'l-atti il-Qorti tara illi ma hemm xejn x'ticcensura fl-apprezzament maghmul mit-Tribunal u dan kemm fir-rigward tar-responsabbilta ghad-danni kagjonati kif ukoll ghar-rigward tal-*quantum* li huma sostanzjati bid-dokumenti u ricevuti esbeieti mill-attrici u ghalhekk dawn l-aggravvji qed jigu rigettati.

Illi finalment fir-rigward tal-ahhar aggravvju marbut mal-kap ta'l-ispejjez, il-Qorti fid-dawl tar-ragjonament maghmul iktar 'il fuq ma tara l-ebda motiv 'il ghala ghandha tiddipartixxi minn din il-parti tad-decizjoni impunjata billi kellha tkun il-konvenuta tenuta responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attrici

Għaldaqstant ghal dawn il-motivi il-Qorti qieghda tilqa' it-tieni aggravvju sollevat mill-appellanti, tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Silvio Brincat u ghalhekk tirrevoka id-decizjoni appellata fejn dina laghet it-talba attrici limitatament fil-konfront tieghu. Tichad il-kumplament ta'l-aggravvji u tikkonferma id-decizjoni appellata ghal

kumplament. L-ispejjez ta' dina l-isanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta appellanti.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur